# Sehem Arthur Barbaro-Sant fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista (PDN) tal-Avukat Herbert Ganado



Minn Sergio GRECH

**Il-Kuntest**

Il-leġislatura ta' bejn l-1955 u l-1958 kienet ta' diżappunt għall-Partit Laburista kif ukoll għall-Partit Nazzjonalista. Għall-Partit Laburista għaliex il-gvern immexxi minnu ma kompliex it-terminu kollu minħabba numru ta' ċirkustanzi fosthom ksur fir-relazzjonijiet mal-Ingilterra, u għall-Partit Nazzjonalista għaliex il-partit inqasam fi tnejn, u fil-pajjiż l-elettorat Nazzjonalista sab żewġ partiti Nazzjonalisti minn fejn jagħżel. It-tnejn li huma b'aġendi differenti. Il-partit il-kbir fiċ-ċirkustanzi kellu x'jitlef.



***Arthur u Emily Barbaro-Sant mal-Q.T. Papa Ġwanni Pawlu II, f'April 1990.***

Dik il-leġislatura rat il-falliment tal-proposta tal-Prim Ministru Duminku Mintoff li Malta tkun integrata fir-Renju Unit: proposta li għan-Nazzjonalisti ma kinitx tagħmel sens imma għal-Laburisti ntrabtet mal-għajxien aħjar fejn issemma diskors ta' pagi b'disa' liri fil-ġimgħa u t-tmiem dejjiemi għall-kapitlu tal-emigrazzjoni li kienet qed tiżvina lill-kolonja Maltija u tisraqha mill-aqwa ħiliet umani li kellha.

Dik il-proposta tal-Integrazzjoni ġabet għadd ta' ħalel, fosthom l-akkuża mill-Avukat Herbert Ganado, li kien attiv fil-PN, li l-mexxej Nazzjonalista Ġorġ Borg Olivier, li kien sar Kap tal-Partit fl-1950, ma kienx qed ikun biżżejjed assidwu u iebes lejn il-politika ta' Mintoff. Fuq kollox saret l-akkuża li Borg Olivier kien dittatur f'dik li hi tmexxija tal-partit u li hu kien l-alfa u l-omega għax jiddeċiedi kollox hu.

Mil-lat l-ieħor, Dr Ganado kien qed ikun attakkat ukoll li dik il-frattarija kollha kien qed jagħmilha minħabba għira fil-konfront ta' Borg Olivier, u għaliex kien qed jippretendi li jkun mexxej hu minfloku. Kien hemm min raha bħala ambizzjoni personali.

**Ganado jibża' minn Mintoff**

L-istampa vera li toħroġ hija li l-Avukat Herbert Ganado ma kienx qed jara futur sabiħ bil-Perit Mintoff Prim Ministru ta' Malta. L-episodji tat-tqaċċit tal-arbli tar-*Rediffusion*, il-każ tal-Caravaggio, ir-rewwixti ta' April 1958, u fatti oħra, ma setgħux jinżlu mill-gerżuma tiegħu 'l isfel u ra xenarju fejn f'Malta grazzi għal Mintoff kien se jidħol fiha l-Komuniżmu. Fil-bijografija tiegħi tat-Tabib Alexander Cachia Zammit, ippubblikata ma' *Kite Group* fl-2013, nidħol fid-dettal ta' dawn l-avvenimenti kif għamlu wkoll riċerkaturi oħra bħal Frendo u Pirotta; fil-każ tiegħi, dejjem skont kif kien qed jinterpreta l-fatti t-tabib Żejtuni. L-Imħallef Giovanni Bonello kien kiteb studju dwar dan il-perjodu wkoll.

Diġà fl-1949, Ganado kien wissa li jekk Mintoff jieħu l-gvern, kien se jdaħħal liġijiet Soċjalisti. F'dak l-artiklu partikulari, Ganado ħaddem żewġ aġġettivi xejn kumplimentużi fil-konfront ta' Mintoff: xewwiex u vjolenti. F'Ġunju 1961, Ganado xela lil Mintoff li hu ried jeqred il-Knisja biex jittrijonfa s-Soċjaliżmu. Ganado kien iddistakka ruħu mill-kummenti ta' Toni Pellegrini, il-Kap tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara, li għamel dik il-ħabta, li wiegħed li jeżilja lil Mintoff jekk ikun fil-Gvern.

Fit-22 ta' Mejju 1958, l-Avukat Herbert Ganado, li matul it-Tieni Gwerra, kien internat fl-Uganda, tkeċċa mill-Partit Nazzjonalista minħabba l-pożizzjonijiet tiegħu kontra Borg Olivier. Dak ma fissirx it-tmiem tad-destin politiku tiegħu. Sa Ottubru 1958 kien waqqaf il-Partit Demokratiku Nazzjonalista fejn bi ħsieb ħaddem u uża l-istess isem li qablu ħaddan l-Avukat Nerik Mizzi li miet fl-1950.

Nagħmluha ċara sa mill-bidu li l-PDN, li se nitkellmu dwaru f'din il-kitba, m'għandu l-ebda konnessjoni mal-Partit Demokratiku li s-Sinjura Marlene Farrugia waqqfet qabel l-elezzjoni tas-sena 2017.

**It-Twelid tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista**

Minn riċerka li għamilt u li ppubblikajtha fl-2004, fil-bijografija tal-Patri Kapuċċin Feliċjan Bilocca mill-Furjana, ħareġ ċar u għall-ewwel darba, li l-Avukat Herbert Ganado meta waqqaf il-Partit Demokratiku Nazzjonalista kien involva lill-istess Bilocca, lil Dun Mikiel Azzopardi (li fil-memorja kollettiva nazzjonali hu magħruf għall-proġett ewlieni tad-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi), u li kien anki b'xi mod qed ikun infurmat b'kull pass l-Arċisqof Mikiel Gonzi li jidher li kien kuntent b'Ganado u sehmu fil-politika. Wara kollox, il-Papa Piju XII kien ta l-mandat lill-membri tal-Azzjoni Kattolika u lill-insara biex jintervjenu fil-fora politiċi. Dr Ganado kien President tal-Azzjoni Kattolika Maltija, u għal xi żmien kien ukoll editur ta' *Leħen is-Sewwa* li l-għaqda imsemmija kienet tippubblika. Dawn id-dettalji ma jissemmew imkien fir-raba' volum *Rajt Malta Tinbidel* u kienu misjuba fid-djarju tal-Patri Kapuċċin, imsemmi iktar 'il fuq.

Kien kollu kemm hu mertu tal-Avukat Ganado li l-partit il-ġdid irnexxielu jiġbed miegħu fost l-aqwa Nazzjonalisti li kellu l-Partit Nazzjonalista dik il-ħabta. Fost dawn kien hemm l-Avukat Guido de Marco, it-Tabib Antoine Mifsud Bonnici, l-Avukat Albert Ganado, l-Avukat Leslie Grech, il-Prokuratur Legali Joe Caruana Montaldo, Dr Riccardo Farrugia, Lino (Carmelo?) Battistino, Manwel Saliba u Arthur Barbaro-Sant.

**L-ewwel passi tal-PDN**

Jidher li matul l-ewwel xhur li fih kien twaqqaf dan il-partit kienu anki saru tentattivi biex il-partiti Nazzjonalisti, jiġifieri l-PN u l-PDN, jerġgħu jsiru wieħed. Imma sa tmiem l-1958, Ganado kien qed jgħid li "aħna għandna nimxu dejjem 'il quddiem u mhux noqogħdu dejjem bl-isperanza li xi darba sejrin nirranġaw man-Nazzjonalisti għaliex inkella … ma nagħmlu qatt xejn."[1] Fil-laqgħa tal-PDN tat-30 ta' Diċembru 1958, kien issemma li Dr Jackie Frendo Azzopardi u Dr Victor Ragonesi, żewġ figuri ewlenin tal-Partit Nazzjonalista ta' dik il-ħabta, kienu kontra b'ruħhom u ġisimhom li jkun hemm xi ftehim mal-PDN.[2]

**Arthur Barbaro-Sant u Herbert Ganado**

Wieħed mis-sostenituri ħabrieka tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista kien is-Sur Arthur Barbaro-Sant. Aktarx għal ħafna qarrejja din il-fażi f'ħajtu hija ftit magħrufa u l-maġġoranza iktar tafu għall-ħidma li hu għamel favur il-Beatifikazzjoni ta' Adeodata Pisani (1806-1855).

Din il-kitba qed tikxef materjal ġdid fuq il-PDN kif ukoll dwar dan il-kapitlu fil-ħajja ta' Barbaro-Sant. Biex wieħed ikun ġust fil-volum, editjat minni, *L-Avukat Herbert Ganado Bejn Storja u Miti*, martu Emily kienet diġà mliet parti mil-lakuna u l-istorja ta' Arthur u l-PDN għalkemm ir-retroxeni kienu nieqsa. Din id-darba se jinħarġu dettalji ġodda mill-minuti tal-PDN, li llum huma merfugħa fl-Arkivju tal-Kotba Rari fil-Biblijoteka tal-Università ta' Malta, grazzi għad-donazzjoni tal-Avukat Albert Ganado, riċerkatur u hu nnifsu kien attiv fil-partit Ganadjan. Dr Albert Ganado, ma ninsewx, kien kuġin tal-Avukat Herbert Ganado.



***Arthur Barbaro-Sant mal-Abbati Primat tal-Benettini Viktor Dammertz. Jidher Bro. Michael Buttigieg (De La Salle) u żewġ abbatini mid-Djoċesi t'Għawdex. Il-Primat Dammertz kien mistieden mill-Parroċċa tal-Qala għall-festi ċentinarji tal-Qala.***

Xi tagħrif ieħor dwar sehem Arthur fil-politika miktub mis-Sinjura Emily Barbaro-Sant deher ukoll fl-awtobijografija tagħha *Siltiet mill-Imgħoddi ta' Ħajti* ppubblikata minnha stess fl-2011, għalkemm l-aċċenn ewlieni fil-pubblikazzjoni msemmija kien iktar fuq il-ħidma li l-koppja Barbaro-Sant għamlet b'risq Adeodata Pisani biex il-poplu jsir jafha u anki biex il-kawża tagħha lejn il-Beatifikazzjoni timxi 'l quddiem minkejja intoppi li setgħu seħħew matul il-korsa.

**Profil qasir dwar Arthur Barbaro-Sant**

Arthur twieled Tas-Sliema fl-14 ta' Ġunju, 1936. Kien il-kbir mill-aħwa. Bin George Douglas u Evelyn Bruno Olivier dei Marchesi di San Giorgio. Studja fl-iskola St Joseph ir-Rabat u l-Kulleġġ San Albert tal-Belt Valletta. Il-professjoni tiegħu kienet ta' agronomista. Kellu negozju tal-importazzjoni tal-flieles. Waqqaf il-*Poultry Stock Association* li tagħha kien President u Segretarju. Dwar dan il-perjodu, Emily Barbaro-Sant espandiet ftit fil-volum *L-Avukat Eddie Fenech Adami Bejn Storja u Miti* editjat minni u ppubblikat fl-2017. Arthur kien waqqaf ukoll il-*Flos Society* fl-1965, li wara saret ir-*Rose Society* bil-għan li tgħin lit-tfal ta' *Lourdes Home* f'Għawdex. Fl-1986, kien ukoll Segretarju tal-Assoċjazzjoni tas-*Self Employed* u *Employers*. Kien membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Agrikoltura u s-Sajd imwaqqfa mill-Prim Ministru Alfred Sant. Kien segretarju tal-*Casino Notabile*, ir-Rabat. Fl-1989, inħatar koordinatur tal-Kawża tal-Kanonizzazzjoni tal-Venerabbli Adeodata Pisani. Fl-1995 ippreżenta l-*Positio* tal-Miraklu attribwit lil Pisani. Iżżewweġ lil

Emily, imwielda Agius, mill-Furjana u kellhom ħames ulied. Għex għal ħafna snin il-Mosta. Miet fid-19 ta' Jannar, 2001.

**Qabel il-PDN**

Qabel issieħeb mal-Avukat Herbert Ganado, Arthur Barbaro-Sant kien attiv fil-Moviment taż-Żgħażagħ Nazzjonalisti. Ġustament Emily tiċċita bħala eżempju tal-parteċipazzjoni ta' Arthur fil-ħajja pubblika l-famuż *meeting* ta' Qui-Si-Sana ta' Settembru 1955 organizzat mill-PN kontra l-*Integration*, fejn dakinhar Arthur wera xi stoffa kien u x'sens ta' lealtà ħaddan meta kien ċar li kien hemm, min kien qed jibża' jistqarr fil-miftuħ il-prinċipji tal-partit. F'korrispondenza li għaddhietli, is-Sinjura Barbaro-Sant għarrfitni li "F'wieħed mill-*meetings* tal-Partit Nazzjonalista fi Qui-Si-Sana Tas-Sliema, il-partitarji Laburisti bdew jitfgħu dak kollu li ġie għal idejhom fosthom ġebel, laqtu sewwa lill-Avukat G.M. Camilleri li kien qed jindirizza l-*meeting* u qasmulu rasu. Kien Arthur li refgħu mill-art u mar miegħu l-isptar."[3] Dak kien *meeting* organizzat mill-PN kontra l-*Integration* u kien spiċċa l-mira ta' partitarji Laburisti li kienu marru juru l-oppożizzjoni tagħhom għall-fatt li n-Nazzjonalisti kienu qed jopponu l-*Integration*.

L-istess Arthur kien dabbarha qares f'Għawdex waqt il-kampanja tal-*Integration*. Dawn huma l-memorji tal-Avukat Albert Ganado li dakinhar kien qalagħha wkoll: "U żgur li dakinhar qlajna xebgħa. Konna Għawdex, Herbert, jiena u l-grupp kollu konna fuq it-trakk. Arthur kien qed jindirizza l-*meeting* meta f'salt wieħed ġie grupp ġmielu ta' Mintoffjani li bdew jitfgħu tadam, bajd, ġebel u anke biċċiet tal-ħadid imgeżwrin fil-gazzetti. Bajda minnhom laqtet lil Arthur fuq wiċċu li naturalment ħasditu. Imma jien għedtlu: <Arthur kompli tkellem għax dawn iridu jfixkluna.> Arthur kompla jitkellem u mbagħad ġew il-pulizija u keċċew lill-Mintoffjani 'l hemm."[4]

**L-operat tal-PDN**

Għall-bidu l-laqgħat tad-diriġenti tal-PDN kienu jsiru fir-residenza privata tal-Avukat Herbert Ganado fil-Furjana, fil-binja numru 8, Pjazza Sciberras. Ir-residenza ta' Ganado kienet viċin dik tal-familja ta' Antonio Agius, missier Emily, il-mara futura ta' Arthur Barbaro-Sant. Agius kien ikkontesta l-elezzjoni tal-1966 mal-PN u kien kiseb 1283 vot. Ganado kien ix-xhud ta' Emily fit-tieġ tal-koppja. Is-Sinjura Barbaro-Sant tistqarr li ta' tifla tiftakar lil Dr Herbert Ganado "ixejrilna hu u ġej lura mill-Belt sejjer lejn id-dar."[5]

Fit-tieni laqgħa tal-kumitat amministrattiv tal-PDN, nafu wkoll li mart Herbert ipprovdiet il-kafè u l-kejk għal-laqgħa msemmija, u skont Maria Grech Ganado, in-neputija ta' Herbert Ganado, il-kċina ta' Alda, (mart Herbert), kienet waħda tajba ferm.[6]

Arthur, fl-ewwel laqgħa tal-kumitat proviżorju, fil-minuti bi żvista tniżżel Anthony.[7] Dik il-ħabta fil-kumitat tal-PDN kien hemm ukoll l-Avukat Guido de Marco li ftit snin wara sar attivista fil-PN ta' Borg Olivier. De Marco stqarr li kienet il-kawża tal-Indipendenza ta' Malta li fl-aħħar mill-aħħar firditu mill-PDN.

Arthur f'dik il-laqgħa msemmija hawn fuq, kien ippropona lill-Ispiżjar Gaetano Farrugia bħala Segretarju Ġenerali tal-PDN u kien sekondat minn Albert Manchè.[8] Minn dik il-laqgħa ħareġ ċar il-punt tal-Kap Ganado li "aħna ma rridux *commonfront* mal-Perit Mintoff." Dakinhar kien ġie deċiż ukoll li l-partit jieħu sehem fil-korteo annwali ta' Kristu Re: manifestazzjoni li fil-passat kienet kbira u ewlenija. Fit-tieni laqgħa tal-kumitat proviżorju tal-PDN, Arthur reġa' tniżżel Anthony bi żball.

Kif urejt fil-bijografija ta' Feliċjan Bilocca, jidher ċar kristall li fil-każ tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista, kien hemm appoġġ minn diversi membri tal-Kleru Malti u Għawdxi. F'Għawdex kien attiv il-Patri Agostinjan Patri Serafin Borg li kien importanti biex twaqqaf Kumitat Sezzjonali tal-PDN f'Għawdex.[9] Niftakar lil Patri Borg kont ippruvajt inkellmu dwar dan imma nzerta li kien indispost. Fost l-oħrajn, il-PDN kien daħal ukoll għall-funeral tal-Kan. Goffredo Lubrano, li kien membru tal-partit.[10]

Fit-30 ta' Ottubru 1958, kienet ingħatat konferenza stampa mid-diriġenti dwar it-twaqqif tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista. Fil-minuti tniżżel li għal din il-konferenza kien hemm rappreżentanti lokali u esteri u r-rapportaġġ tal-avveniment kien wieħed tajjeb. Fost l-ewwel ħidmiet tal-PDN, kienet intbagħtet "telegramma ta' feliċitazzjoni għall-ħatra ta' Ġwanni XXIII (1958-1963)" bħala Kap ġdid tal-Knisja Kattolika Rumana.

Sa mill-bidu l-PDN kiseb il-kunsens tal-Arċisqof Mikiel Gonzi. Kienet anki saret laqgħa bejnu u delegazzjoni mill-partit "biex tinfurmah uffiċjalment bil-kostituzzjoni tal-partit."[11] Barbaro-Sant kien preżenti għal-laqgħa msemmija, li saret f'inqas minn xahar li kien twaqqaf il-PDN.

Sa nofs Diċembru 1958, il-PDN kellu mitejn tesserat miktuba. Mill-Belt kien hemm 40 tesserat u Tas-Sliema kien hemm 29 oħra. Mill-Furjana kien hemm 27 tesserat u l-Ħamrun il-PDN kellu 25 oħra. Wieħed irid jifhem li dawn kienu kollha voti li kienu qed jitnaqqru ftit ftit mill-PN ta' Borg Olivier.

Dwar it-tesserati fil-PDN kien ġie deċiż li kull membru jħallas lira fis-sena. Kien ġie deċiż li min-numri 1 sal-100 tat-tesseri jkunu riservati għall-membri fundaturi tal-PDN. Bħala wieħed mill-membri fundaturi, Arthur kellu t-tessera nru 9. Kien imniżżel li joqgħod f'nru 66, Triq il-Kulleġġ, ir-Rabat, Malta, u impjegat bħala skrivan. Herbert Ganado kellu t-tessera

nru 1. Riccardo Farrugia kien bit-tessera nru 2, u l-Ispiżjar Gaetano Farrugia bin-nru 3. Għan-nogozjant Antonio Pace t-tessera nru 4. Kienu wkoll ġew stampati mitejn kopja tal-istatut tal-PDN. Kopji tal-istatut imsemmi kellhom jinbiegħu 6 soldi. F'dawn il-laqgħat tal-bidu, Arthur Barbaro-Sant kien propost għall-kariga ta' Assistent Segretarju Amministrattiv. Ippruponieh Anthony Navarro u kien hemm l-approvazzjoni ta' kulħadd.

Fir-raba' laqgħa tal-Kumitat tat-tmexxija tal-PDN, li saret fl-20 ta' Novembru 1958, ittieħdet id-deċiżjoni li l-partit jabbona f'*Il-Berqa, Is-Sebħ* u *The Bullettin*, biex b'hekk il-membri tal-kumitat jaġġornaw ruħhom mas-sitwazzjoni politika tal-mument.[12] F'dik il-laqgħa tressqet lista twila ta' tesserati ġodda, fosthom Alfred Farrugia Rigaud ir-Rigos, il-Perit Renè Buttigieg, Dr A. Gerada, il-Prof. Walter Ganado (ħu Dr Herbert Ganado) u Dr Joseph Fenech Adami.

Arthur Barbaro-Sant kien ta bust ta' Mons. Nerik Dandria u ritratt tal-Prim Ministru Sir Ugo Mifsud, biex jitpoġġew fil-kwartieri tal-PDN li kienu jinsabu l-Belt.[13] Element li spikka f'dawn il-ġranet tal-bidu kien, li minkejja l-partit ta' Ganado kien għadu ġdid kien qed jopera daqs li kieku kien ilu mwaqqaf. Herbert Ganado ried li l-partit ikollu l-kumitati sezzjonali fl-irħula u ried li anki jorganizza l-*meetings* u hawn Barbaro-Sant kellu sehem ewlieni.

**L-organizazzjoni tal-attivitajiet tal-massa tal-PDN**

Arthur kien fost l-organizzaturi tal-*meetings* u kien parti mill-Kumitat Organizzattiv tal-PDN. L-ewwel *meeting* kien skedat għall-15 ta' Frar 1959, u sar il-Ħamrun. Kienet ittieħdet id-deċiżjoni li fl-ewwel *meeting* ma kellhomx isiru attakki kontra l-Partit Nazzjonalista.

*Meeting* ieħor kien skedat għat-8 ta' Marzu 1957 ir-Rabat fit-8:30 a.m. u Arthur reġa' kien fl-organizzazzjoni. Kien sar suġġeriment minn Anthony Seychell, Żejtuni u ħu s-saċerdot Dun Angelo Seychell li dik il-ħabta kien Kappillan Nazzjonali taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, biex jinxtara *amplifier*.[14] Skont il-minuti, f'dik l-okkażjoni tar-Rabat, Barbaro-Sant ħa ħsieb id-dawl, l-*amplifier*, it-trakk, il-permessi, eċċ.[15]

Minn rapport amministrattiv tal-1960, juri li dik is-sena l-PDN kien għamel tliet *meetings*; wieħed minnhom f'Għawdex, għamel ukoll tliet *corner meetings* fir-Rabat (Malta) u ħa sehem f'disa' xandiriet fuq ir-*Rediffusion*. Ganado kien konxju li x-xandiriet bir-*Rediffusion* kienu "l-aħjar mezz ta' propaganda" biex iwasslu ħsushom lill-poplu. Kien konvint li taħdita fuq ir-*Rediffusion* tiswa daqs *meeting* ta' 14,000-il persuna.

**Ħidma bla heda**

Fil-kumitat tas-sena ta' wara, Arthur Barbaro-Sant kien ippropona lis-Sur Anthony Pace għall-kariga ta' Segretarju Finanzjarju waqt li hu kien propost għall-pożizzjoni ta' Assistent Segretarju Propaganda. Il-kariga tagħtu l-jedd li jkun parti mill-Kummissjoni Propaganda. Din il-Kummissjoni kienet responsabbli wkoll mit-twaqqif tas-sezzjonijiet distrettwali. Pereżempju Arthur kien ħa sehem fit-twaqqif tal-Kumitat Sezzjonali tal-PDN tal-Furjana u l-Kummissjoni Propaganda kienet ukoll xewqana li twaqqaf Kumitat Sezzjonali f'Tas-Sliema, għax dak li kien hemm ma kienx qed jiffunzjona kif jixraq.[16]

F'Jannar 1960, l-eżekuttiv tal-PDN beda jsibha diffiċli biex iwaqqaf Kumitat Sezzjonali f'Birkirkara.[17] F'Marzu ta' wara, naqraw mill-minuti tal-PDN, li kien se jitwaqqaf Kumitat Sezzjonali għal Għawdex b'seba' membri.[18] Fis-sajf tal-1961 kien qed isir xogħol biex jitwaqqfu Kumitati Sezzjonali fil-Mosta u Ħaż-Żebbuġ.[19] Pereżempju l-Kumitat Sezzjonali ta' Ħaż-Żabbar fl-1960 kien magħmul minn V. Micallef (President), L. Schembri (Viċi President), A. Sciberras (Segretarju), S. Darmanin (Teżorier) u G. Bonavia, L. Lucchese, G. Micallef, G. Tabone u K. Salerno.[20]

Fid-9 ta' Lulju 1959, Barbaro-Sant ippropona li l-PDN iwaqqaf fi ħdanu l-Kummissjoni Soċjali Permanenti magħmula min-nies tal-esperjenza u li jinteressaw ruħhom fil-qasam soċjali.[21] Din l-Kummissjoni kellha l-mandat li tlesti programm soċjali fuq bażi Kattolika kif espressa fit-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Fil-laqgħa tat-23 ta' Lulju 1959, il-mozzjoni msemmija ġiet diskussa. Ġiet sekondata mill-Avukat Joseph Desira Buttigieg li sostna li "l-mozzjoni hi lodevoli imma vasta wisq."[22] Barbaro-Sant intalab jagħmel *terms of reference* għall-Kummissjoni u jindika l-ismijiet ta' xi membri li setgħu jkunu parti minnha.

Fit-13 ta' Awwissu 1959, fuq suġġeriment tal-Kap tal-PDN, Dr Herbert Ganado, ġie deċiż li jiġi ffurmat segretarjat ta' attività soċjali magħmul minn Riccardo Farrugia u Arthur Barbaro-Sant.[23] Fl-istess laqgħa, Barbaro-Sant qabel li post De Marco fl-eżekuttiv jimtela minn Antonio Testone li kien jieħu ħsieb is-sede tal-PDN.

Fit-3 ta' Diċembru 1959, saret l-elezzjoni għall-uffiċjali li kellhom iservu matul l-1960. Barbaro-Sant ippropona lill-Avukat Albert Ganado bħala *Deputy Leader* tal-PDN.[24] Barbaro-Sant issekonda l-proposta biex il-Prokaratur Legali Benedict Dingli ikun Segretarju Amministrattiv tal-Partit.[25]

Fil-laqgħa tat-3 ta' Marzu 1960, Arthur Barbaro-Sant ġie kkritikat minn sħabu tal-kumitat wara li fuq inizjattiva tiegħu bagħat ittra lis-CDU tal-Ewropa Ċentrali u talabhom iktar informazzjoni dwar possibiltà ta' sħubija.[26] Fil-kumitat saret ir-rimarka li "għalkemm il-ħsieb kien lodevoli kull korrispondenza għandha toħroġ mis-segretarju."[27] L-Avukat Albert Ganado kien favur li jistudjaw il-proposta ta' Barbaro-Sant.

Fit-2 ta' Ġunju 1960, Arthur għamel mozzjoni biex

jissejjaħ il-Kunsill Ġenerali tal-PDN biex jirrakkomanda li isem il-partit isir 'Partit Demokratiku Kristjan'.[28] Din l-emenda kienet qed tiġi mitluba minħabba dawk li hu sejħilhom ċirkostanzi antikristjani li kienu jeżistu f'Malta f'dawk il-mumenti. Fil-frattemp, il-firda bejn il-Partit Laburista u l-Knisja Maltija kienet dejjem qed tikber. Kien jonqos kriżijiet ikbar fir-relazzjoni ta' bejniethom.

Fl-istess laqgħa tat-2 ta' Ġunju, Barbaro-Sant ippropona li l-PDN jitlob mill-iktar fis kostituzzjoni taħt il-forma ta' *Corporate State*, għamel mozzjoni biex ikun hemm Assistent Segretarju Finanzjarju biex jgħin lis-Segretarju Finanzjarju u talab biex il-partit jissussidja iktar l-gazzetta *Malta Tagħna* u ħeġġeġ li jkun hemm iktar involviment fid-deċiżjonijiet dwarha mill-partit. Ta' min iżid li l-gazzetta ġġebdet sal-bidu tal-1963. Ma jidhirx li kien hemm xi ċirkolazzjoni kbira tagħha. Wara l-elezzjoni tal-1962, Barbaro-Sant kien issekonda l-proposta ta' Farrugia Rigaud biex il-PDN isir 'Partit Demokratiku Soċjali' jew 'Partit Demokratiku'.[29]

Arthur Barbaro-Sant kien tqabbad ukoll iġib il-kwotazzjonijiet biex il-PDN ikollu l-*badge* tiegħu. Ġab kwotazzjonijiet mingħand Stabilimenti Artistici Fiorentini. Fuq ordni ta' 500 midalja kellhom jitħallsu L.195-il waħda (€0.10) u fuq 1000 kellhom jitħallsu L.135-il waħda (€0.07)[30] L-arma tal-Partit kienet ġiet iddisinjata minn Emily Barbaro-Sant. "Il-Kumitat Eżekuttiv kien għażel għall-arma tiegħu l-iskudo *Crociata* tad-*Democrazia Cristiana* tal-Ewropa."

Fit-18 ta' Awwissu 1960, Barbaro-Sant għamel proposta li ssir bandalora tal-PDN għall-korteo ta' Kristu Re. Arthur Barbaro-Sant u George Pace kellhom jiġbru xi prezzijiet.[31] Fil-minuti jissemma li Arthur mar għand is-sorijiet u dawn talbuh għaxar liri bħala prezz. F'inqas minn xahar, il-bandalora kienet lesta u kulma kien jonqos kien l-alabarda u l-lasta.

Il-PDN, nhar it-28 ta' Ġunju 1960, sejjaħ laqgħa urġenti li għaliha Barbaro-Sant ma kienx preżenti. Dakinhar il-PDN kien aċċetta li jiltaqa' ma' Lord Perth.[32] Il-laqgħa ma' Lord Perth damet siegħa. Barbaro-Sant kien appoġġja vot ta' ringrazzjment li saret fil-laqgħa ta' wara minn G.M. Vella Gatt biex tkun irringrazzjatha d-delegazzjoni tal-PDN li ltaqgħet ma' Perth.[33] Arthur kien membru tad-delegazzjoni tal-PDN li marret tiltaqa' mal-Kummissjoni Blood.[34]

Jidher li Barbaro-Sant kien qed jikkunsidra li jikkontesta għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-PDN imma fil-laqgħa tat-30 ta' Novembru 1960 ċeda l-kariga, li kien interessat fiha, favur l-Avukat Albert Ganado u għaliha kien hemm propost ukoll Vella Gatt, li kien magħruf għall-pożizzjonijiet iebsa tiegħu kontra l-Komuniżmu tant li kien waqqaf l-*Anti Communist League*.[35] Il-Kumitat Eżekuttiv tal-PDN ma aċċettawx li fuq livell ta' partit ikun hemm sħubija fil-Lega Anti-Komunista. U dwar dan l-eżekuttiv tal-PDN kien ta vot ċar: 9 kontra s-sħubija, 1 favur u astinenza.[36]

Fil-5 ta' Jannar 1961, Barbaro-Sant intgħażel Segretarju Amministrattiv tal-PDN, li kienet kariga distinta minn Segretarju Ġenerali.[37] Mil-laqgħa tal-11 ta' Jannar 1961, Barbaro-Sant beda jżomm il-minuti tal-PDN.[38] Sitt ijiem wara, il-PDN kien ikkundanna dħul il-Partit Laburista fl-AAPSO.[39] L-istorja kienet xterdet f'Malta mill-organu tal-Moviment Azzjoni Soċjali, *Il-Qawmien*. Malta Kattolika xegħlet dakinhar kontra.

Wieħed ma jridx jinsa li s-Sur Arthur Barbaro-Sant kien involut fir-reżistenza li organizzaw l-Għawdxin fil-famuż *meeting* tat-Tokk li organizza l-Partit Laburista fl-1961. Emily tgħid li "Darba minnhom għal tlett ijiem sħaħ ma kontx naf x'sar minnu għajr minn fuq il-mezzi tax-xandir nisma' li ġewwa Għawdex kien hemm l-inkwiet u korrew xi nies."[40] Grupp ta' rġiel Għawdxin u Maltin, fosthom Arthur, kienu daħlu fil-knisja (ta' San Ġakbu, ir-Rabat, Għawdex) klandestinament, u hekk kif Mintoff beda jgħid kontra l-Knisja u kontra l-Isqof, bdew idoqqu l-qniepen biex Mintoff ma jinstemax jitkellem.

Lejlet l-elezzjoni tal-1962, Arthur kien favur li jkun hemm xi forma ta' assoċjazzjoni mal-partit ta' Toni Pellegrini, il-Partit tal-Ħaddiema Nsara.[41] Fil-ktieb tiegħi dwar Anton Tabone jien ressaqt l-idea li dak l-avveniment tat-Tokk seta' kien wieħed mir-raġunijiet għaliex Għawdex ma tantx kien benvist fil-politika ta' Mintoff meta dan kien Prim Ministru ta' Malta bejn l-1971 u l-1984. Arthur Barbaro-Sant kien ħareġ bil-proposta li fil-lista tal-karigi tal-PDN jkun hemm Assistenti Segretarji Amministrattiv, Finanzjarju u Propaganda biex ix-xogħol tal-partit jinqasam iktar u aħjar.

Fis-17 ta' Lulju 1961, saret mozzjoni minn Arthur Barbaro-Sant u Dr Camilleri biex ikunu studjati l-kwistjoni soċjali u l-*family allowances*. Barbaro-Sant inħatar Segretarju tal-Kummissjoni. Hawnhekk tissemma l-ewwel darba l-idea tas-Sezzjoni Femminili għall-PDN. Tidħol ukoll l-idea ta' *shadow cabinet*. Għal darb'oħra, Herbert Ganado kien dejjem b'dawn l-ideat progressivi. Il-Partit Nazzjonalista biss biss kien daħħal l-idea ta' *shadow cabinet* fis-sebgħinijiet għalkemm veru wkoll li *shadow cabinet* jista' jsir biss meta partit ikun fl-Oppożizzjoni.

**L-elezzjonijiet tal-1962**

L-ewwel elezzjoni li kkontesta l-PDN kienet dik tal-1962 fejn kiseb ftit inqas minn 14-il elf vot u tella' erba' siġġijiet, waqt li l-PN kiseb 42 fil-mija tal-elettorat b'63,262 vot. B'kollox inkisbu erba' siġġijiet mill-PDN u Herbert Ganado tela' mill-ewwel u mis-seba'distretti, kuntrarju għal Borg Olivier li tela' minn distrett wieħed. Kienet elezzjoni taħraq daqs jew iktar

min-nirien tal-infern. Kienet elezzjoni determinata mill-interdett u s-sanzjonijiet kontra min xtaq jew ried jivvota lill-Partit Laburista. Kienet elezzjoni favur jew kontra l-Indipendenza ta' Malta skont mil-liema ottika tħares lejha.

Ta' min iżid li Barbaro-Sant kien jikteb b'mod regolari fil-*Malta Tagħna*, imsemmija iktar 'il fuq, u kien anki ħeġġeġ individwi bħal Piju Spiteri biex jikkontestaw l-elezzjoni mal-PDN. Ganado ma jgħid xejn dwar dan u Spiteri mhux inkluż mal-lista li Ganado xtaq imma ma aċċettawx li jikkontestaw miegħu. Spiteri kien wieħed mill-uffiċjali ewlenin tal-Ġunta Djoċesana u kien attiv fiż-Żgħażagħ Ħaddiema Insara (ŻĦN).[42] Inċidentalment Girgor Scicluna minn Ħal Għaxaq, qarib ta' Spiteri, kien ikkontesta mal-Partit ta' Pellegrini l-elezzjoni tal-1966. Kien hemm ukoll fil-lista ta' Ganado, Edgar Soler u Alfred Farrugia Rigaud li t-tnejn ikkontestaw mal-PDN fuq Għawdex. Soler, li kien eżiljat ma' Ganado fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, ġie elett minn Għawdex.

Minkejja li kien attiv f'Għawdex, Arthur ħareġ fuq is-Siġġiewi, li dak iż-żmien kien jagħmel parti mill-ħames distrett elettorali. Skont Emily, Arthur kien igawdi popolarità kbira f'Għawdex.[43] Minn fuq is-Siġġiewi, ġab mitt vot biss. Skont Emily, Arthur kien ħareġ fl-aħħar minuta fuq id-distrett imsemmi għax il-PDN kellu vakum fid-distrett.[44] F'dak id-distrett, il-Partit Laburista tella' żewġ deputati (it-Tabib A.V. Hyzler u t-Tabib Philip Muscat) waqt li l-Partit Nazzjonalista tella' tlieta (l-Avukat Ġużè M. Camilleri, it-Tabib George Hyzler u n-Nutar Philip Saliba). Il-PDN fuq dak id-distrett kellu ħames kandidati. Id-distrett dik il-ħabta kien magħmul ukoll minn Ħad-Dingli, Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ.

### Iż-żwieġ ta' Arthur u Emily Barbaro-Sant

L-elezzjoni tal-1962 affettwat ukoll iż-żwieġ tal-koppja Barbaro-Sant. Il-koppja kienet iżżewġet wara l-elezzjoni, fit-13 ta' Mejju, 1962. Emily irrakkuntat li oriġinarjament kienu għażlu data oħra għaż-żwieġ tagħhom: lejn tmiem l-1961. Skont Emily, "meta bdejt nirrealizza l-involviment ta' Arthur fil-politika u l-inkwiet li kien hawn fil-pajjiż bejn Knisja u Stat, ħsibt u rajt li aħjar nipposponu bi ftit xhur."[45]

Kif iltaqgħet il-koppja Barbaro-Sant? Il-politika ironikament lagħbet u fasslet sehem ukoll. Emily tirrakkonta li "Kien fl-ewwel sena li bdejt ngħallem, li fil-karrozza tal-linja li kienet iġġibna miż-Żurrieq (jekk niftakar tajjeb kienet tkun tal-4.30 p.m.) u li kienet tgħaddi minn Ħal Safi, kienu jitilgħu xi skrivani li kienu jaħdmu mas-Servizzi Ingliżi. Laqatni wieħed żagħżugħ twil, bin-nuċċali, dejjem liebes pulit u bil-*briefcase* taħt spalltu, li kien jinżel fl-istejġ il-Furjana fejn kont ninżel jien. Kien jgħaddi minn quddiemna u jibqa' sejjer 'l isfel lejn Triq Sant'Anna. Ma kontx naf la min kien u anqas fejn imur. Meta ġiet l-okkażjoni u tkellimna, qalli li jmur għand l-Avukat Herbert Ganado u staqsieni jekk nafux. Ma kienx żmien politikament sabiħ."[46]

Kif intqal iktar 'il fuq, Herbert Ganado kien xhud ta' Emily fiċ-ċerimonja taż-żwieġ waqt li x-xhud ta' Arthur kien l-Avukat Leslie Grech. Il-PL Caruana Montaldo kien il-*bestman* ta' Arthur. Ilkoll attivi fil-PDN.

### Tqattiegħ tal-karti mal-PDN

Jidher li fis-sajf tal-1964 kien inqala' xi ftit tal-battibekk bejn Arthur Barbaro-Sant u l-PDN, wara li hu kien ġie nominat rappreżentant tal-Moviment Azzjoni Soċjali f'Għawdex, liema pass sa anki wassal għar-riżenja tiegħu mill-PDN. Jista' jkun li Barbaro-Sant kien xamm li l-partit ftit kien fadallu ħajja u għażel settur li għalih kien għal qalbu u li minnu seta' jkompli jmexxi t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja, li Arthur tant kien favur tiegħu. Fil-fatt fl-elezzjoni tal-1966, il-PDN ma tella' lil ħadd. L-istess ġara lill-partiti ż-żgħar l-oħra. Qabel dik l-elezzjoni, il-PDN kien qed jistħarreġ ukoll il-possibiltà ta' fużjoni mal-Partit tal-Ħaddiema Nsara.



*Iż-żwieġ ta' Arthur u Emily Barbaro-Sant, li sar fit-13 ta' Mejju, 1962.*



*Arthur u Emily Barbaro-Sant fl-uffiċċju tal-Kawża Kanonizzazzjoni M. Adeodata Pisani fl-Imdina.*

**Konklużjoni**

Din il-kitba tellgħet fil-wiċċ il-ħidma politika li Arthur Barbaro-Sant għamel ma' Herbert Ganado fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista bejn l-1958 u l-1966. Min jiftakru attiv politikament jiftakar li għalih il-prinċipji kienu sagri u ma kinux jitgħawġu anki jekk mhux bilfors kien dejjem korrett fl-analiżi politika tiegħu.

*Grazzi lis-Sinjuri Matthias Ebejer u Mary Sammut Tagliaferro tad-disponibbiltà tagħhom biex nara l-arkivji ta' Ganado għal darba, tnejn, tlieta.*

*sergiogrech@yahoo.com*

**Notamenti:**

[1] Seduta tal-Kumitat Proviżorju PDN, 30 ta' Diċembru, 1958.
[2] Ibid.
[3] Korrispondenza bejn l-awtur u Emily Barbaro-Sant.
[4] Emily Barbaro-Sant, f'*L-Avukat Herbert Ganado Bejn Storja u Miti* (Malta, Horizons, 2015), 14.
[5] Ibid., 9.
[6] Maria Grech Ganado, f' *L-Avukat Herbert Ganado Bejn Storja u Miti* (Malta, Horizons, 2015), 145.
[7] Seduta tal-Kumitat Proviżorju PDN, 16 ta' Diċembru, 1958.
[8] Ibid.
[9] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 2 ta' April, 1959.
[10] Seduta tal-Kumitat Proviżorju PDN, 30 ta' Diċembru, 1958.
[11] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 16 ta' Diċembru, 1958.
[12] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 20 ta' Novembru, 1958.
[13] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 27 ta' Ottubru, 1961.
[14] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 26 ta' Frar, 1959.
[15] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 5 ta' Marzu, 1959.
[16] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 23 ta' April, 1959.
[17] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 20 ta' Jannar, 1960.
[18] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 31 ta' Marzu, 1960.
[19] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 17 ta' Lulju, 1961.
[20] *Malta Tagħna,* 9 ta' April, 1960, 1.
[21] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 9 ta' Lulju, 1959.
[22] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 23 ta' Lulju, 1959.
[23] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 13 ta' Awwissu, 1959.
[24] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 3 ta' Diċembru, 1959.
[25] Ibid.
[26] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 3 ta' Marzu, 1960.
[27] Ibid.
[28] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 2 ta' Ġunju, 1960.
[29] It-Tieni Ktieb, Minuti PDN, 12 ta' Marzu, 1962.
[30] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 7 ta' Lulju, 1960.
[31] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 18 ta' Awwissu, 1960.
[32] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 7 ta' Lulju, 1960.
[33] Ibid.
[34] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 13 ta' Ottubru, 1960.
[35] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 30 ta' Novembru, 1960.
[36] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 14 ta' Marzu, 1961.
[37] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 5 ta' Jannar, 1961.
[38] Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv PDN, 11 ta' Jannar, 1961.
[39] *The Bullettin*, 21 ta' Jannar, 1961, 2.
[40] Emily Barbaro-Sant, *Siltiet mill-Imgħoddi ta' Ħajti* (Malta, L-Awtriċi, 2011), 24.
[41] It-Tieni Ktieb, Minuti PDN, 4 ta' Diċembru, 1961, 1.
[42] Tagħrif mogħti lill-awtur mingħand Piju Spiteri.
[43] Ibid.
[44] Komunikazzjoni ma' Emily Barbaro-Sant, 18 ta' Jannar, 2018.
[45] Emily Barbaro-Sant, *Siltiet mill-Imgħoddi ta' Ħajti, op.cit.,* 24.
[46] Emily Barbaro-Sant, f'*L-Avukat Herbert Ganado Bejn Storja u Miti* (Malta, Horizons, 2015), 13.